MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Diċembru, 2002

Rikors Numru. 34/2002/1

**Dr. Patrick SPITERI**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Novembru, 2002, li fih ir-Rikorrent Avukat Spiteri ippremetta:

1. Illi fit-2 t'Ottubru, 2002, huwa ġie arrestat mill-Pulizija fis-sagħtejn ta' filgħodu, fuq allegazzjoni ta' falsifikazzjoni ta' att notarili;

2. Illi huwa kkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija, assistiha sabiex ikunu jistgħu jeżaminaw kull *computer* li għandu l-uffiċċju tiegħu, ħadhom id-dar tiegħu w tahom kull dokument li kellhom bżonn, awtorizża lill-impjegati

tiegħu jagħtu kull assistenza neċessarja lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni tagħhom w irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija ta' seba' faċċati, fejn wieġeb b'mod dettaljat u eżawrjenti għal kull domanda li saritlu, mingħajr qatt ma eżerċita d-dritt lilu mogħti skond il-liġi li ma jweġibx domandi;

3. Illi nonostante din il-kooperazzjoni sħiħa da parti tal-esponenti, tressaq b'arrest dak inhar stess filgħaxija, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fuq akkużi ta' truffa u falsifikazzjoni;

4. Illi b'Degriet tal-Qorti tal-Maġistrati tat-2 t'Ottubru, 2002, l-esponenti ngħata l-liberta' proviżorja mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, liema degriet ġie revokat *contrario imperio* b'Degriet ieħor tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2002, wara li l-Qorti dehrilha li l-esponenti kien kiser kundizzjoni tal-liberta' proviżorja;

5. Illi a tenur tal-artikolu 581 tal-Kap 9, l-esponenti ma jistax jerġa' jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest fl-istess kawża;

6. Illi l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija li ddeċieda li jressaq lill-esponenti l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, **b'arrest**, fit-2 t'Ottubru, 2002, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali w kostituzzjonali tal-esponenti, u ċjoe' tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet fondamentali protetti mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, liema konvenzjoni tifforma parti mil-Liġijiet ta' Malta, a bażi tal-Att XIV tal-1987;

7. Illi inoltre d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 581 tal-Kap 9 li jċaħħad lill-Qorti mid-diskrezzjoni tagħha fil-konsiderazzjoni dwar jekk l-esponenti jistax jerġa' jingħata liberta' proviżorja, jivvjola l-artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Illi l-leżjoni ta' dawn id-drittijiet tikkonsisti filli:

i. Illi malli l-Pulizija lestiet mill-interrogazzjoni tal-esponenti w iddeċidiet li trid takkuża lill-esponenti, ma kinux jeżistu ċirkostanzi li jiġġustifikaw li l-esponenti jitressaq **b'arrest** il-Qorti, flok ma jiġi notifikat b'ċitazzjoni kontenenti l-akkużi w informat bid-data u ħin tal-preżentata tagħhom il-Qorti, kif isir f'każijiet oħra;

ii. Illi l-esponenti kien ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija u wieġeb għad-domandi tagħhom; il-Pulizija kienet eżaminat u tkellmet diġa' man-nies li riedet tressaq bħala xiehda; illi l-esponenti ma ta l-ebda ħjiel jew indikazzjoni li ma kienx ser jitla' għall-Qorti għall-preżentata tiegħu; illi l-esponenti għandu fedina penali nadifa;

iii. Illi l-fatt li l-Pulizija iddeċidiet ċio' nonostante li tressaq lill-esponenti **b'arrest** flok ma nnotifikatu b'ċitazzjoni kontenenti l-akkużi w id-data u l-ħin tal-preżentata fil-Qorti, kif tagħmel f'każijiet oħra simili, kien vjolazzjoni tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront tiegħu;

iv. Illi l-prinċipju tal-liberta' personali huwa dritt fondamentali w iċ-ċaħda tiegħu hija l-eċċezzjoni limitata biss għaċ-ċirkostanzi kontemplati mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u għalhekk kwalsijasi interpretazzjoni ta' poter li jxekkel tali dritt fondamentali għandu jkun restrittiv;

v. Illi l-esponenti jirrileva wkoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jikkontemplax il-possibilta' li l-arrest jiġi eżerċitat sempliċement sabiex persuna titressaq il-Qorti, jekk mhux in eżekuzzjoni ta' ordni tal-Qorti - li ma kienx il-każ;

vi. Illi inoltre, il-fatt lil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, quddiem liema tressaq l-esponenti ma ddeterminatx il-ġustifikazzjoni o meno tal-preżentata b'arrest tiegħu, u ddeterminat biss li l-esponenti kellu jingħata liberta' proviżorja taħt ċerti

kundizzjonijiet, huwa vjolazzjoni tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

vii. Illi l-artikolu 581 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix diskrezzjoni lill-Qorti fil-konsiderazzjoni dwar jekk persuna, li tkun ġiet ri-arrestata għaliex tkun kisret kundizzjoni tal-liberta' proviżorja, tistax terġa' tingħata liberta' proviżorja, in kwantu l-artikolu 581 jistipula b'mod kategoriku w assolut li tali persuna ma tistax qatt terġa' tingħata liberta' proviżorja fl-istess każ. Illi l-artikolu 581 ma jippermettix konsiderazzjonijiet ta' bdil fiċ-ċirkostanzi w konsiderazzjonijiet oħra li jistgħu jittieħdu ġeneralment, f'talba għal reviżjoni *contrario imperio* ta' digriet. Illi l-fatt li l-artikolu 581 ma jagħtix lill-Qorti tali fakulta' li tirrevedi degriet ta' ri-arrest għaliex, per eżempju, ikunu nbidlu ċ-ċirkostanzi, jivvjola b'mod ċar l-artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni. L-artikolu 5(3), fil-fatt, jirrikjedi li arrest ta' persuna tkun rivedibbli f'kull stadju tal-proċess kriminali - ħaġa li l-Artikolu 581 tal-Kap 9 ma jippermettix;

Għaldaqstant, ir-rikorrent talab li din il-Qorti tagħtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa biex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom billi:

1. Tiddikjara li l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija li jressqu **b'arrest** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti istruttorja fit-2 t'Ottubru, 2002, meta ma kinux jeżistu ċirkostanzi li jiġġustifikaw tali preżentata **b'arrest** u għalhekk seta' faċilment jiġi preżentat **mhux b'arrest**, tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kontenuta fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319;

2. Tiddikjara li n-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li tiddetermina n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni ta' l-arrest tal-esponenti għall-preżentata tiegħu quddiem il-Qorti, jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kontenuti fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319;

3. Tiddikjara konsegwentement illi l-arrest tiegħu sabiex jitressaq il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-2 t'Ottubru, 2002, kien wieħed illegali w abbusiv u bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

4. Tiddikjara illi l-artikolu 581 tal-Kap 9, in kwantu iċaħħad lill-esponenti mid-dritt li jerġa' jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest fl-istess kawża, u b'hekk ixekkel id-diskrezzjoni li Qorti għandu jkollha fil-konsiderazzjoni dwar jekk l-akkużat għandux jingħata liberta' proviżorja, anke wara li dan forsi jkun kiser kundizzjoni preċedenti, hija vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5, b'mod partikolari 5(3), kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kontenuta fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319;

5. Tikkundanna lill-istess intimati jħallsu lir-rikorrenti dak il-kumpens xieraq li jidhrilha huwa ġustifikabbli għall-vjolazzjoni lamentata.

Rat id-Degriet tal-15 ta' Novembru, 2002, li bih din il-Qorti (diversament presjeduta) astjeniet milli tqis ir-Rikors għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat id-Degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2002, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għat-28 ta' Novembru, 2002;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fis-26 ta' Novembru, 2002, li permezz tagħha huwa issottometta:

**Preliminari**

(a) Illi ma jidhirx illi l-Onorabbli Mħallef sedenti kien diġa' ġie surrogat għal din il-kawża fid-data tad-digriet (21 ta' Novembru, 2002) u għalhekk jinħtieġ illi d-digriet ta' l-appuntament ta' din il-kawża jkun issanat;

**Il-Fatti**

(b) Illi r-rikorrent ġie arrestat fl-ewwel opportunita' li kien hemm meta wasal lura minn barra fis-2.00 a.m. Huwa tressaq b'arrest fi żmien ħmistax-il siegħa minn meta wasal minn barra bl-ajruplan akkużat bi frodi ta' elfejn lira Maltija (Lm 2,000) kif ukoll b'falsifikazzjoni ta' dokument notarili. Dawn l-akkużi għandhom magħhom piena ta' ċerta gravita'. Matul l-arrest, ir-rikorrent kien il-ħin kollu fil-preżenza tal-pulizija u lanqas biss daħal fiċ-ċella. Huwa ngħata t-twissija (il-*caution*) diversi drabi. Waqt il-preżentata ma tqajmet ebda kwestjoni dwar il-legalita' tal-arrest.

**L-arrest flok notifika b'ċitazzjoni ma jikser l-ebda dispożizzjoni.**

1. Illi kemm il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-Kostituzzjoni jirrikjedu biss **suspett raġonevoli** li wieħed ikun ikkommetta reat sabiex ikun hemm arrest legali ta' dak li jkun.

Fil-fatt, l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni jgħid:

"**l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat**"..

Waqt li l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jgħid:

..." **(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew sejjer jikkommetti, reat kriminali**".

Mela biex wieħed ikun arrestat mingħajr ma jinkisru d-dispożizzjonijiet ikkwotati, li huwa rikjest huwa 'suspett raġonevoli' - element li f'dan il-każ ma jidhirx li kien nieqes. Li wieħed ikun ikkoopera mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni ma jfissirx li ma jistax jiġi arrestat. Barra dan, il-Pulizija jistgħu jaġixxu b'modi differenti skond il-każ. Fuq kollox, ma teżisti ebda każistika Ewropeja li

tgħidlek **meta** għandek tarresta ħlief li biex tarresta jrid (fuq il-possibilitajiet imsemmija fl-artikolu 5) ikun jeżisti suspett raġonevoli. Huma wkoll insistenibbli l-argumenti l-argumenti li r-rikorrent "ma tax ħjiel li mhux ser jitla' l-Qorti" u "l-fedina penali tiegħu kienet nadifa". L-arrest ta' persuna ma jiddependix minn kif iġib ruħu jew mill-fedina penali tiegħu.

Illi, konsegwentement, il-konklużjoni li jasal għaliha r-rikorrent fil-paġna 3, paragrafu (iii) ma ssib ebda sostenn la fit-test tal-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropeja.

**Il-Liberta' Personali.**

2. Illi għas-sottomissjoni li tidher fil-paġna 3 tar-rikors paragrafu (iv), ħadd mill-intimati ma qatt qal li l-liberta' tal-individwu mhix sagrosanta. Iżda li jeżistu parametri għaliha jaqbel kull min ra t-testi msemmija u l-operat tal-intimati kien dejjem f'dawn il-parametri. Ma saret ebda interpretazzjoni ta' poter li xekkel dan id-dritt.

**L-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni**.

3. Illi l-enunċjazzjoni magħmula f'paġna 3 tar-rikors, paragrafu (v), hija ħażina u fallaċi u qed tinjora dak li jgħid l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ikkwotat aktar 'il fuq. Għal kull bwon fini, qed jerġa' jingħad li r-rikorrent tressaq b'arrest għaliex il-Pulizija kellha suspett raġonevoli u għalhekk ma nkisirx l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

**Ġustifikazzjoni ta' l-arrest waqt il-Preżentata (paġna 3, paragrafu vi).**

4. L-arrest sar minħabba li kien hemm suspett raġonevoli li r-rikorrent wettaq reat u konsegwentement tressaq il-Qorti kif bilfors trid tagħmel il-Pulizija eżekuttiva kemm taħt il-Liġijiet imsemmija kif ukoll skond il-Kodiċi Kriminali. Waqt il-preżentata ma jirriżultax li tqajmet xi kwestjoni

dwar li l-arrest tar-rikorrent kien illegali. Illi jekk ir-rikorrent għandu xi dubju dwar il-legalita' o meno ta' l-arrest, huwa kellu u għad għandu d-dritt li juża r-rimedju ordinarju tar-rikors għal '*habeas corpus*' u li seta' jqajjem il-kwestjoni quddiem il-Maġistrat (li għandu ġurisdizzjoni jidħol fiha) meta ġie ippreżentat.

**L-artikolu 581 tal-Kap 9. (paġna 3, paragrafu vii).**

5. Ir-rikorrent jilmenta li dan l-artikolu jneħħi d-diskrezzjoni tal-Qorti meta tiġi ri-arrestata. Skond il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni (u dan ukoll fid-dawl ta' każi illi kienet involuta fihom Malta[1]) jgħodd il-paragrafu li ġej **meta persuna titressaq b'arrest *l-ewwel darba***:

"*Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1(c) of this article shall be brought promptly before a judge or other officer authorised by law to exercise judicial power and shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial. Release may be conditioned by guarantees to appear for trial.*"

L-istess jingħad mill-Kostituzzjoni Maltija fl-artikolu 34(3)(b).

Ir-rikorrent inġieb quddiem il-Qorti u l-Qorti għamlet il-kondizzjonijiet.

Jekk il-kondizzjonijiet inkisru, m'għadhomx jgħoddu aktar l-artikoli ċitati jew li għalihom saret riferenza. Issa (li) r-rikorrent ġie mogħti l-ħelsien mill-arrest taħt kundizzjonijiet m'għadux aktar fil-bidunett tal-proċeduri u l-eżami li għamlet il-Qorti Kriminali kien jekk sarx ksur tal-kundizzjonijiet tal-pleġġ. Jekk dawn inkisru, wieħed irid isofri l-konsegwenzi. Il-Qorti rat jekk kellux jingħata pleġġ, il-pleġġ ingħata u kiser il-kondizzjonijiet. Għalhekk m'għadniex aktar fil-każ fejn għandu japplika l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

[1] T.W vs Malta; Aquilina vs Malta; Pulliċino vs Kummissarju tal-Pulizija

L-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni jrid jinqara flimkien mal-artikolu 5(3) biex wieħed jinduna bl-intendiment wara dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet (flimkien mal-artikolu tal-Kostituzzjoni) jgħoddu għal meta l-persuna tinġieb l-ewwel darba quddiem il-Qorti u mhux għaċ-ċirkostanzi tar-rikors odjern. Il-Konvenzjoni stess tgħid:

"Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri".

L-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni mhux marbuta x'jagħmlu jekk jinkisru l-kondizzjonijiet tal-pleġġ. Assolutament mhux veru dak li njsostni r-rikorrent fil-paġna 4 tar-rikors li l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni 'jirrikjedi li arrest ta' persuna tkun revidibbli f'kull stadju'. Dan il-kliem imkien ma jidher fit-tali artikolu kif tista' tikkonstata dina l-Onorabbli Qorti.

6. Bir-rispett kollu, f'dawn l-artikoli mkien m'hija meħtieġa d-diskrezzjoni tal-Qorti meta nkisret kundizzjoni tal-pleġġ minn persuna akkużata b'reat serju. Lanqas ma tista' targumenta li kien hemm xi ksur tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni għaliex id-dritt li wieħed jibda proċeduri biex ikun determinat jekk l-arrest tiegħu hux legali jew le ("*the lawfulness of his detention*") għadu jeżisti u r-rikorrent jista' jagħmel użu minnu fi kwanunkwe ħin.

7. Fuq kollox, dan mhux każ ta' 'bdil fiċ-ċirkostanzi' kif qed jipprova jargumenta r-rikorrent. Iċ-ċirkostanzi għadhom identiċi bħal qabel u li nkisret kienet kundizzjoni **serja** li r-rikorrent kellu josserva bl-akbar reqqa, u ma jistax ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li l-kundizzjoni miksura terġa' ssir mhux miksura.

8. Oltre dan, l-artikolu 581 tal-Kap 9 jidher li jimxi eżatt ma' dak li hemm provdut fl-artikolu segwenti:

(a) Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja:

"*the lawful arrest or detention of a person for non-compliance with the lawful order of a court*";

(b) Il-Kostituzzjoni: artikolu 34(1)(b):

"*in execution of the order of a court*";

(ċ) Il-Kostituzzjoni: artikolu 34(1)(ċ):

"*in execution of the order of a court punishing him for contempt of that court or another court or tribunal*"

**Referenza għall-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

9. Illi dawn l-artrikoli huma inapplikabbli għax jgħoddu biss f'każ ta' obbligazzjonijiet jew drittijiet ċivili u f'każ ta' '*criminal charge*'. Il-kwestjoni dwar il-ksur tal-kondizzjonijiet għall-bail la jaqgħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jekk ir-rikorrent qed jirreferi għal dak li qed jallega dwar l-illegalita' ta' l-arrest, għal kull bwon fini, qed jingħad li din il-kwestjoni qatt ma tqajmet quddiem xi Qorti.

10. Għaldaqstant isegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontrih għax m'hemm ebda ksur tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2002;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet, u qieset il-provi dokumentali li għoġobhom iressqu waqt dak is-smigħ;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta' Diċembru, 2002;

Semgħet ix-xiehda li kien għad fadlilhom iressqu l-partijiet, u kif ukoll il-kontro-eżamijiet meħtieġa, minbarra li rat ukoll il-provi dokumentali oħrajn li tressqu waqt dak is-smigħ;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm u fit-tul tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent ressaq din il-proċedura biex jilmenta li (a) il-mod li bih huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fit-2 t'Ottubru, 2002, biex iwieġeb għall-akkużi magħmulin kontrih u (b) kif ukoll il-fatt li r-ri-arrest tiegħu wara deċiżjoni mill-Onorabbli Qorti Kriminali tat-2 ta' Novembru, 2002, jiksrulu l-jeddijiet tiegħu kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni");

Illi dwar l-ewwel ilment, ir-rikorrent jisħaq li ma messux tressaq b'arrest - għaliex ma kienx hemm l-ebda ċirkostanza li għaliha kellu jiġi trattat hekk - minflok ma ġie mħarrek bil-mezz ta' ċitazzjoni (dik li fl-ilsien tekniku ta' spiss tissejjaħ "il-komparixxi") biex jidher quddiem il-Qorti. Dwar it-tieni lment, huwa jgħid li l-impossibilta' li qorti tista' terġa' tqis u tistħarreġ talba tiegħu fl-istess kawża[2] biex jingħata l-ħelsien mill-arrest wara li tkun neħħietu jekk tqis li jsir ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja, jikser il-jedd tiegħu għall-ħarsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja u wkoll li jiġi żgurat il-ħarsien mil-liġi ;

Illi l-intimati jiċħdu għal kollox li f'dak li għamlu huma kisru xi jeddijiet tar-rikorrent, u jtennu li l-ilmenti tiegħu m'humiex mistħoqqa lanqas fil-liġi. Dan jagħmluh fi Tweġiba dettaljata li tmieri punt punt kulma jsemmi r-rikorrent fir-Rikors promotur;

Illi, mill-mod kif inhu mfassal l-att ġudizzjarju li bih inbdiet din il-proċedura, il-Qorti tgħid mill-ewwel li hija tagħraf żewġ xejriet fl-azzjoni tar-rikorrent. Dwar l-ewwel ilment, huwa m'huwiex qiegħed jattakka d-dispożizzjonijiet tal-liġi (jiġifieri tal-Kodiċi Kriminali) bħala leżivi tal-jeddijiet tiegħu,

---

[2] Art. 581 tal-Kap 9

imma qiegħed jattakka l-imġiba tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jew is-subalterni tiegħu fl-għażla tagħhom li jressqu lir-rikorrent b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dwar it-tieni lment, mhux qiegħed jattakka l-operat tal-Qorti li rtiratlu l-ħelsien proviżorju, imma qiegħed jgħid li l-liġi kif inhi (jiġifieri li żżommu milli jista' jerġa' jingħata l-liberta' proviżorja fl-istess kawża) tikser il-jedd tiegħu tal-ħelsien mill-arrest magħdud ma' dak l-ieħor daqstant ewlieni li hu għandu jitqies innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati;

Illi, kif ingħad bosta drabi minn qrati differenti li fissru ilmenti bħal dawk tar-rikorrent, l-eżami tal-ilmenti tar-rikorrent iridu tabilfors isiru fl-ordni li huwa ressaqhom: għaliex l-ewwel li għandu jiġi mistħarreġ huwa l-ilment dwar is-siwi tal-arrest, u mbagħad, jekk wara jirriżulta li dak l-arrest ma kienx illegali jew abbusiv, il-Qorti tista' tgħaddi biex tqis it-tieni ilment. Dan għaliex ma jagħmilx sens li titqies kwestjoni dwar il-liberta' proviżorja (jew iċ-ċaħda jew revoka tagħha) jekk mhux fil-qafas ta' arrest skond il-liġi[3];

Illi qabel ma tgħaddi biex tqis dawn iż-żewġ ilmenti fid-dawl tal-artikoli msemmija mir-rikorrent, ikun xieraq li jissemmew il-fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti tar-Rikors u li huma rilevanti għall-istħarriġ kif imiss ta' din l-azzjoni. Ir-rikorrent ġie arrestat nhar l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, 2002, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu, fil-mitjar internazzjonali tal-Gudja, hekk kif wasal lura Malta b'titjira minn Londra. L-arrest sar mill-Ispettur Bernard Żarb, li kien wasallu rapport magħmul min-Nutar John Debono fl-aħħar jiem ta' Settembru, 2002, fis-sens li qies li r-rikorrent kien bagħbas ma' att nutarili li fid-dieher juri li kien sar mill-imsemmi Nutar. Ir-rikorrent ġie mgħarraf dak il-ħin li kien qiegħed jiġi arrestat[4] u mwissi dwar dak li kien sejjer jgħid[5]. Ir-rikorrent intalab jiddeċiedi jekk riedx jitkellem mal-Ispettur fuq il-każ dak il-ħin, u wera x-xewqa li dak li kellu jsir isir mingħajr dewmien. Ir-rikorrent ittieħed minnufih id-Depot u nżamm hemm sa xi l-erbgħa ta'

---

[3] Ara, per eżempju, ECHR **29.4.1999** fil-kawża ***Aquilina vs Malta*** (App. 25642/94) par 55
[4] Xhieda ta' Bernard Żarb 28.11.2002, f'paġġ. 59 *tergo* tal-proċess
[5] *Ibid*. f'paġ. 61-62 tal-proċess

filgħodu (4.00 a.m.), minn fejn ittieħed lejn wieħed mill-uffiċċji professjonali tiegħu f'Ta' Xbiex. Hemmhekk saret tfittxija. Ittieħed ukoll f'uffiċċju ieħor tar-rikorrent f'Ta' Xbiex ukoll ftit lil hinn mill-ewwel wieħed li marru fih, u hemm ukoll saret tfittxija. Ittieħed id-dar tiegħu fil-Wardija, minn fejn hu rtira dokument. Minn hemm reġa' ttieħed lejn id-Depot, fejn beda jagħmel stqarrija għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu u baqa' għaddej sas-siegħa ta' wara nofsinhar;

Illi r-rikorrenti wieġeb għal kull mistoqsija li saritlu, u għażel ukoll li jiffirma l-istqarrija malli temm jagħmilha[6]. Għalkemm fl-ebda ħin ma kien maqful f'xi ċella jew kamra, hu baqa' l-ħin kollu fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija, x'aktarx l-imsemmi Spettur Żarb. Ma tħalliex imur fejn irid, għalkemm ma nżammx immanettjat. Tard wara nofsinhar, għall-ħabta tal-erbgħa u nofs, ittella' l-Qorti b'arrest u tressaq akkużat quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u mixli b'żewġ reati ta' frodi u falsifikazzjoni li l-ogħla piena tagħhom hija waħda ta' priġunerija. Waqt is-smigħ, intalbet f'ismu l-liberta' proviżorja, u l-Qorti idderiġiet lir-rikorrent li jressaq l-att ġudizzjarju meħtieġ. Dan sar u l-għada, l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, 2002, r-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt il-garanziji u kundizzjonijiet li jissemmew fid-degriet[7]. Hemm intemm l-arrest tar-rikorrent;

Illi fil-21 t'Ottubru, 2002, ir-rikorrent ressaq Rikors[8] biex jitħalla jsiefer minn Malta għal erbat (4) ijiem. L-Avukat Ġenerali, fi tweġiba li ressaq fit-22 t'Ottubru, 2002, ma opponiex għat-talba. Il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba b'Degriet tat-22 t'Ottubru, 2002[9]. Hu siefer u daħal lura Malta kif kien talab. Reġa' ressaq rikors ieħor fit-28 t'Ottubru, 2002[10], għaliex reġa' kellu bżonn isiefer għal jumejn bejn id-29 u t-30 ta' dak ix-xahar. F'din id-darba, l-Avukat Ġenerali oppona t-talba, fi tweġiba li ressaq fid-29 t'Ottubru, 2002[11]. Jirriżulta[12] li r-rikorrent telaq minn Malta

---

[6] Dok "BZ1", f'paġġ. 26 sa 32 tal-proċess
[7] Ara Dok "Ġ", f'paġ 173 tal-proċess
[8] Ara Dok "A", f'paġ. 106 tal-proċess
[9] Ara kopja f'paġ. 109 tal-proċess
[10] Ara kopja f'paġ. 110 tal-proċess
[11] Ara kopja f'paġ. 112 tal-proċess
[12] Ara Dok "A", f'paġġ. 118 sa 121 tal-proċess

lejn l-Italja fid-29 t'Ottubru, 2002, u wasal lura Malta mir-Renju Unit fil-31 t'Ottubru, 2002. Ir-rikorrent kien ħalla Malta qabel ma l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet tat Degriet dwar it-talba tiegħu. Il-Qorti Kriminali, b'Degriet tagħha tat-30 t'Ottubru, 2002, ċaħdet it-talba tar-rikorrent;

Illi hekk kif ir-rikorrent daħal lura Malta, fil-31 t'Ottubru, 2002, l-intimat Avukat Ġenerali ressaq rikors biex jitlob l-arrest tar-rikorrent u t-telf tas-somma depożitata bħala garanzija[13]. Dik il-Qorti appuntat is-smigħ u t-trattazzjoni tar-rikors għall-jum tal-Ġimgħa, 1 ta' Novembru, 2002, wara nofsinhar. Dak inhar, il-Qorti Kriminali semgħet ix-xiehda u t-trattazzjoni u tat degriet interlokutorju provviżorju, filwaqt li ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali. Fl-4 ta' Novembru, 2002[14], l-Onorabbli Qorti Kriminali tat Degriet li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ħassret l-ordni tal-liberta' proviżorja li kien ingħata lir-rikorrent fit-2 t'Ottubru, 2002, ordnat l-arrest mill-ġdid tar-rikorrent u wkoll li s-somma tal-obbligazzjoni imqegħda minnu bħala waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien proviżorju tiegħu tgħaddi għand il-Gvern ta' Malta. Dak inhar stess, inħareġ ordni ta' arrest tar-rikorrent[15]. Minn dak inhar sallum, ir-rikorrenti għadu miżmum b'arrest fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ir-rikorrent ressaq din il-proċedura tar-Rikors Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 2002;

Illi issa li ssemmew il-fatti ewlenin li jsawru l-każ, il-Qorti jeħtiġilha tindirizza punt preliminari mqanqal mill-intimati. Qegħda ssir riferenza għall-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tqis ir-rikors promotur. L-intimati, fil-bidunett tat-Tweġiba tagħhom, wrew xi tħassib dwar jekk kinitx saret is-surroga meħtieġa biex din il-Qorti, kif presjeduta, setgħet tagħti d-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2002, li bih ir-Rikors tqiegħed għas-smigħ. Din is-sottomissjoni reġgħet saret waqt l-ewwel smigħ tat-28 ta' Novembru, 2002. L-intimati immotivaw ir-riserva tagħhom fuq il-ħtieġa li l-atti kollha jkunu regolari u mhux bil-ħsieb li

[13] Ara kopja f'paġ. 113 tal-proċess
[14] Ara kopja f'paġġ. 122-4 tal-proċess
[15] Ara kopja f'paġ. 125 tal-proċess

jxekklu l-mixi 'l quddiem tas-smigħ tar-rikors. Il-punt imqanqal mill-intimati m'huwiex fieragħ, u dan jingħad iżjed u iżjed fi proċedura bħalma għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża. Is-siwi tar-regolarita' tas-setgħa ta' qorti li tisma' u taqta' kawża miġjuba quddiemha ma tista' qatt tkun ħaġa fiergħa. Il-qagħda hija regolata mill-artikolu 11 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta in ġenerali u mis-subartikolu (4) tal-istess artikolu in partikolari. Dan l-aħħar subartikolu jitkellem dwar il-proċedura teknika meħtieġa biex is-setgħa eżerċitata mill-President tar-Repubblika li jqiegħed imħallef biex jisma' kawża minflok ġudikant ieħor li jkun rikużat jew astjena titqies notifikata lil kull min għandu interess. Ma jgħid xejn dwar minn meta tibda sseħħ jew li ma tistax tkun retrospettiva[16]. Kemm hu hekk, l-artikolu 11(4) jgħid li dik il-proċedura hija "biżżejjed għall-finijiet kollha";

Illi s-surroga f'din il-kawża saret lejn l-aħħar ta' Novembru, 2002[17], u twaħħlet fir-Reġistru tal-Qorti fl-4 ta' Diċembru, 2002, biex b'hekk il-proċedura mitluba mil-liġi twettqet. M'għandux ikun hemm dubju li dak kollu li sar f'din il-kawża sakemm saret il-proċedura tas-surroga għandu s-siwi tiegħu u li din il-Qorti, kif kostitwita, setgħet u għandha l-obbligu li tisma' u taqta' l-kawża. Jekk jista' jingħad li kien hemm xi *lacuna* fis-setgħa tal-Qorti li tisma' l-kawża dak inhar li r-Rikors tqiegħed għas-smigħ, din ġiet "sanata" wkoll bil-fatt li l-intimati ressqu t-Tweġiba tagħhom għar-Rikors tar-rikorrent, u saret it-trattazzjoni tal-kawża fil-mertu;

Illi, dwar l-<u>aspetti legali tal-kwestjoni miġjuba 'l quddiem mir-rikorrent</u>, dawn jistgħu jiġu identifikati kif ser jingħad. Fl-ewwel lok, hemm l-aspett tal-arrest u l-leġittimita' tiegħu. Dan irid jitqies fil-kontest tal-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Fit-tieni lok, hemm il-kwestjoni tal-liberta' proviżorja li tingħata u meta tali ħelsien jitilef. Dan irid jitqies fil-qafas tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni;

---

[16] Ara App. Kost **3.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.65)**
[17] Ara kopja f'paġ. 174 tal-proċess

A) **Konsiderazzjonijiet dwar l-arrest**

Illi l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi għall-jedd fondamentali tal-ħelsien minn arrest jew detenzjoni arbitrarja li bihom persuna tiġi mċaħħda mil-liberta' personali. Dak l-artikolu jaħseb f'għaxar (10) ċirkostanzi fejn, minkejja tali ċaħda u b'awtorizżazzjoni tal-liġi, dak il-jedd ma jitqiesx miksur. Fost dawn iċ-ċirkostanzi, wieħed isib dik li titkellem dwar suspett raġonevoli li l-persuna tkun wettqet jew sejra twettaq reat kriminali[18]. F'kull każ, madankollu, min ikun arrestat jew miżmum għandu, fil-waqt tal-arrest jew żamma, jiġi mgħarraf b'ilsien li jifhem bir-raġunijiet għal dak l-arrest jew żamma[19]. Imma l-liġi trid ukoll li kull min jiġi arrestat jew miżmum biex jitressaq quddiem qorti (fl-eżekuzzjoni ta' l-ordni tagħha) jew fuq suspett raġonevoli li jkun wettaq jew sejjer iwettaq reat kriminali, għandu jitressaq quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin (48) siegħa minn dak l-arrest jew żamma, jekk ma jkunx sejjer jinħeles minnhom qabel. Mhux hekk biss, imma f'każ ta' persuna suspettata raġonevolment bit-twettiq ta' reat, din trid tinħeles, jew b'kundizzjonijiet raġonevoli jew mingħajrhom, jekk kemm-il darba dik il-persuna ma tistax tiġi ġudikata fi żmien raġonevoli. Il-kundizzjonijiet imsemmija jridu jkunu ta' għamla u ħtieġa li bihom il-persuna hekk meħlusa jkun żgurat li tidher f'data aktar tard għall-kawża tagħha (dwar dak ir-reat) jew proċeduri preliminari marbutin magħha. Kull min jiġi arrestat jew miżmum arbitrarjament minn xi ħaddieħor, għandu jedd ifittex għall-kumpens minn dik il-persuna[20];

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li hu dritt ta' kull persuna għal-liberta' u s-sigurta' tagħha, u ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-ħelsien tiegħu. Dak l-artikolu wkoll isemmi sitt (6) ċirkostanzi li huma meqjusa l-eċċezzjoni għal dan il-jedd, jekk kemm-il darba jkunu skond proċedura preskritta mil-liġi. Fost dawn hemm l-

---

[18] Art. 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni
[19] Art. 34(2)
[20] Art. 34(4)

arrest jew żamma skond il-liġi ta' persuna li tkun naqset li tħares ordni skond il-liġi ta' xi qorti[21] jew l-arrest jew żamma skond il-liġi ta' persuna li titressaq quddiem awtorita'legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun wettqet reat jew ikun raġonevolment meħtieġ li dik il-persuna ma titħalliex twettaq reat jew taħrab wara li twettaq reat[22]. Meta persuna tkun arrestata jew miżmuma bil-ħsieb imsemmi f'dan it-tieni każ, hija għandha titressaq bla dewmien quddiem ġudikant u jkollha dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew ħelsien waqt iż-żmien li jkun qiegħed jinstama' l-każ tagħha[23]. Tali ħelsien jista' jkun b'kundizzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw li dik il-persuna tidher għas-smigħ. L-artikolu jrid ukoll li persuna arrestata tiġi mgħarrfa minnufih b'ilsien li tifhem, bir-raġunijiet tal-arrest u b'kull akkuża[24]. Persuna miżmuma b'arrest għandu jkollha jedd li tagħmel proċeduri li bihom qorti tiddeċiedi bla dewmien jekk l-arrest jew iż-żamma tagħha hijiex skond il-liġi, u jekk jidher li dak l-arrest jew żamma mhux legali, tordna li dik il-persuna tinħeles minnufih[25]. Persuna li jintwera li kienet arrestata jew miżmuma kontra l-liġi, għandha jedd titlob kumpens[26];

Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[27], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorita';

[21] Art. 5(1)(b)
[22] Art. 5(1)(ċ)
[23] Art. 5(3)
[24] Art. 5(2)
[25] Art. 5(4)
[26] Art. 5(5)
[27] Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni u art. 6(2) tal-Konvenzjoni

Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalita' tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess[28];

Illi ż-żewġ testi jitkellmu wkoll dwar il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli biex isaħħaħ arrest jew żamma f'ċirkostanzi bħal dawk. Dwar din il-frażi, ingħad u ġie mgħallem ħafna matul is-snin, l-iżjed għaliex il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li jitressqu dwar il-ksur ta' dan il-jedd fondamentali jduru fuq jekk is-suspett kienx wieħed raġonevoli jew le. Il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv[29];

Illi dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq[30], u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata[31]. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah[32] minnufih irid jintemm l-arrest jew iż-żamma[33]. Madankollu, m'huwiex mistenni li fil-waqt

[28] Ara artt. 347 u 353 tal-Kap 9

[29] Ara App. Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**); u App.Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**) u l-ġurisprudenza hemm imsemmija

[30] Ara. P.A.( Kost). **8.4.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXII** )

[31] Ara App. Kost. **9.4.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Pace vs Onor. Dom Mintoff et*** (mhix pubblikata)

[32] Ara. ECHR **27.6.1968** fil-kawża ***Wemhoff vs Federal Republic of Germany*** (App. 2122/64), par 5; u App. Kost. **29.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.25**)

[33] Ara App. Kost. **7.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.37**)

tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġa' provi w xhieda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata[34];

Illi madankollu huwa mfisser ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, minbarra l-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fil-persuna arrestata jew miżmuma f'kull waqt tal-arrest jew taż-żamma tagħha, jrid jiġi muri wkoll li ċ-ċirkostanzi kienu tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-liberta' personali tas-suspettat. Għaliex l-arrest jew iż-żamma huma biss ġustifikati jekk kemm-il darba jkunu pre-ordinati jew meħtieġa biex il-persuna suspettata titressaq quddiem l-awtorita' ġudizzjarja kompetenti u tinxela bl-akkuża addebitata lilha[35];

Illi tajjeb jingħad li dak l-arrest li l-Pulizija tista' twettaq sakemm isir stħarriġ dwar reat u l-persuna titressaq biex twieġeb għal xi eventwali akkuża quddiem Qorti kompetenti huwa wieħed ta' natura amministrattiva jew eżekuttiva, kif distint minn dak li jista' jissejjaħ ġudizzajrju, u li jseħħ meta dik il-Qorti jew Qorti oħra kompetenti ma tilqax talba għal-liberta' provviżorja jew tħassar liberta' diġa' mogħtija, jew waqt xi stadju ieħor tordna l-arrest ta' imputat[36]. Ġie meqjus li d-diskrezzjoni ta' Qorti fl-għoti jew iċ-ċaħda ta' talba għal-liberta' provviżorja m'hijiex kwestjoni kostituzzjonali[37];

Illi r-rikorrent qiegħed jorbot l-argument ewlieni tiegħu dwar il-leżjoni tal-jedd fondamentali tiegħu mal-fatt li, kif żvolġew il-ġrajjiet minn x'ħin ġie arrestat sa ma tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma kienx hemm għalfejn jinżamm iżjed taħt arrest. Isegwi, għalhekk, skond ir-rikorrent, li anqas u anqas kien hemm bżonn li jitressaq quddiem dik il-Qorti fi stat ta' arrest. Fost ir-raġunijiet li huwa jressaq biex isaħħaħ dan l-argument tiegħu, huwa jgħid li kien ikkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija fit-tiftix, tagħrif

---

[34] Ara. P.A. (Kost) **21.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Kummissarju tal-Pulizjia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.** )

[35] Ara App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.99**)

[36] Ara App. Kost. **11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs L-Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.113**)

[37] Ara. App. Kost. **8.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Kummissarju tal-:Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.1**)

u l-istqarrija li talbuh; isemmi ċ-ċirkostanza li, sa ħin sewwa qabel ma tressaq, il-Pulizija kienu diġa' ġabru l-istqarrijiet jew tagħrif minn dawk il-persuni kollha li setgħu kienu rilevanti bħala xiehda, u għalhekk ma seta' bl-ebda mod influwenzahom kieku nħeles; jindika l-mod kif kien baqa' jiġi mistoqsi dwar il-każ suspettat għal sigħat twal bla mistrieħ ta' xejn; u wkoll dwar il-fatt li hu ma kellu l-ebda ħsieb jew ħajra li jaħrab minn Malta;

Illi biex ikompli jseddaq il-fehma li l-arrest tiegħu ma kienx f'loku u lanqas imsejjes fuq ir-raġonevolezza, ir-rikorrent ressaq provi biex juru li fil-fatt kien sar ftehim mal-istess nies li setgħu b'xi mod kellhom xi preġudizzju b'dak it-trasferiment li għalih jirreferi l-att pubbliku li dwaru nbeda l-istħarriġ mill-Pulizija wara r-rapport. Huwa minnu li dan il-ftehim sar tassew[38], imma dan ma seta' qatt jintuża bħala raġuni għall-irraġonevolezza tal-arrest. Il-kuntratt ġie ippublikat mill-anqas tliet (3) ġimgħat wara li r-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti. L-istess jingħad dwar is-sottomissjonijiet li r-rikorrent ma kien qatt ta' perikolu li jsiefer u ma jiġix lura Malta, ladarba huwa ġie lura minn rajh meta r-rikors tiegħu biex jitħalla jsiefer ġie miċħud. Għall-ispettur Żarb, dawk iċ-ċirkostanzi ma setgħux ikunu magħrufa għaliex seħħew ukoll żmien wara li r-rikorrent ma kienx baqa' arrestat;

Illi, mill-provi li semgħet u tressqu quddiemha, din il-Qorti tqis li r-rikorrent tassew li ġab ruħu b'mod għal kollox korrett fil-konfront tal-Ispettur Żarb u l-uffiċjali l-oħrajn tal-Pulizija li għamlu l-istħarriġ tagħhom. Huwa x'aktarx minħabba l-atteġġament tiegħu proattiv li sa ftit sigħat wara l-arrest tiegħu malli ġie lura minn barra, il-Pulizija kienet f'qagħda li tmexxi 'l quddiem bix-xilja tar-reati addebitati lir-rikorrent. Imma l-Qorti tqis ukoll li bit-tagħrif li kisbet il-Pulizija matul iż-żmien li r-rikorrent inżamm arrestat, ma naqsu qatt iċ-ċirkostanzi li fihom is-suspett fir-rikorrent ma baqax iżjed wieħed raġonevoli. Tqis ukoll li l-fakulta' li l-liġi tagħti lill-Pulizija biex tressaq persuna b'arrest quddiem Qorti u tixliha b'reat m'hijiex determinata b'xi kontinġenza speċifikata mill-istess liġi. Tqis ukoll li l-

[38] Ara Dok "IS1", f'paġġ. 13 sa 14 *terġo* tal-proċess

Pulizija ħadet parir mingħand l-Avukat tar-Repubblika[39] qabel ma mexxiet kif mexxiet, għalkemm ir-raġuni li kien hemm ħtieġa biex ir-rikorrent jitressaq b'arrest dak inhar stess biex ma jkollux għalfejn jibqa' miżmum matul il-lejl fid-Depot[40] ma tikkonvinċix wisq lill-Qorti bħala raġuni ineluttabbli biex persuna tressaqha b'arrest. Fuq kollox, il-Qorti qegħda tqis li r-rikorrent ma ressaq qatt (qabel ma intavola r-Rikors preżenti) ilment dwar l-illegalita' tal-arrest tiegħu, u dan la waqt il-preżentata tiegħu, u lanqas permezz ta' xi att ġudizzjarju. Huwa evidenti li r-rikorrent qanqal il-kwestjoni tas-siwi u l-legalita' tat-tressiq tiegħu quddiem il-Qorti b'arrest biss wara li l-Qorti Kriminali kienet ordnat ir-ri-arrest tiegħu fl-4 ta' Novembru[41];

Illi, mbagħad, kif sewwa issottometta l-abbli difensur tal-intimat, il-fatt li r-rikorrent tressaq b'arrest ma naqqaslu xejn mill-possibilita' li huwa jitlob u jingħata (kif fil-fatt ingħata) l-ħelsien proviżorju meta talbu. Bl-istess mod ma kien jagħmel l-ebda differenza, fil-mod kif tressaq ir-rikorrent quddiem il-Qorti, għal dik il-Qorti li tqis u tirrevedi l-ordni tagħha li tagħti lir-rikorrent il-liberta'proviżorja;

Illi għalhekk u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn magħmula, fil-każ partikolari, it-talba tar-rikorrent biex it-tressiq tiegħu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jiġi dikjarat li jikser il-Konvenzjoni ma tidhirx mistħoqqa għaliex, jekk meħuda fil-parametri li fuqha hija mibnija t-talba tiegħu (jiġifieri l-ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni), ma jista' bl-ebda mod jingħad li llum hu jinsab imċaħħad minn aċċess għal proċeduri ġudizzjarji maħsuba biex jistħarrġu l-legalita' taż-żamma tiegħu taħt arrest. Huwa sewwasew dak li qiegħed isir f'din il-proċedura preżenti u li dwarha qegħda tingħata din is-sentenza. Daqstant ieħor ma jista' bl-ebda mod jingħad li dawn il-proċeduri ħadu żmien irraġonevoli biex jingħalqu jew li kien hemm xi nuqqas ta' solerzja jew diliġenza fil-"*conduct of the prosecution of the case*"[42];

---

[39] Xhieda tal-Ispettur Bernard Żarb 28.11.2002 u 4.12.2002, f'paġġ. 83, 86-7 u 178-178 *tergo* tal-proċess

[40] Xhieda tal-Ispettur Bernard Żarb 28.11.2002, f'paġ. 84 tal-proċess

[41] Ara paġġ. 179-179 *tergo* tal-proċess

[42] Ara sentenza ECHR **10.11.1969** fil-kawża ***Stogmuller vs Austria*** (App. 1602/62); u P.A. (Kost.) **22.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs l-Avukat Ġenerali et*** (mhix pubblikata)

Illi jkollu jingħad li dak li ikkonkludiet s'issa din il-Qorti dwar il-parametri legali li fihom tqies l-arrest tar-rikorrent japplika għall-istat tal-liġi fis-seħħ fiż-żmien ta' dak l-arrest. Meta l-Qorti qieset id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, kienet qegħda torbot ma' dawk id-dispożizzjonijiet li kienu jgħoddu fit-2 ta' Ottubru, 2002. Li kieku xi wħud mid-dispożizzjonijiet li ddaħħlu fil-Kodiċi bl-Att III tal-2002 kienu dak inhar fis-seħħ[43], il-Qorti kien x'aktarx ikollha raġuni siewja biex taħsibha mod ieħor dwar l-arrest tar-rikorrent;

Illi dan ifisser li l-Qorti tqis li l-arrest tar-rikorrent sakemm dan baqa' fis-seħħ ma kien bl-ebda mod imtebba' b'illegalita' u għalhekk ma jistax jingħad li dak l-arrest kien wieħed arbitrarju. It-talba tar-rikorrent kwantu imsejsa fuq dan l-ilment għalhekk ma hijiex qegħda tintlaqa';

B) **Konsiderazzjonijiet dwar il-liberta' proviżorja**

Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis it-tieni ilment tar-rikorrent li jittratta dwar l-effetti miġjuba bl-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali fuq il-possibilta' tiegħu li, iżjed 'il quddiem fl-istess kawża penali, ikun jista' jerġa' jressaq talba biex mill-ġdid il-Qorti Kriminali tista' tqis l-għoti lilu tal-liberta' proviżorja. L-artikolu 581 huwa marbut sfiq mal-artikolu 579 li jfisser x'inhuma l-effetti li jinstiltu meta persuna ma tħarisx xi waħda mill-kundizzjonijiet magħmula f'ordni li jkun taha l-liberta' proviżorja. Dan l-aħħar artikolu jagħmilha ċara (partikolarment fil-proviso tiegħu) li tali effetti jiġu deċiżi minn Qorti wara li tkun adita għal dan il-għan. Fi kliem ieħor, dawk l-effetti la huma awtomatiċi u lanqas amministrativi;

Illi dan qiegħed jingħad għaliex biex jitfisser sewwa l-qafas taż-żewġ dispożizzjonijiet tal-Kodiċi, speċjalment fid-dawl tal-jeddijiet fondamentali li r-rikorrent qiegħed jisħaq li ġew miksura, huwa meħtieġ li wieħed iżomm quddiem

[43] Ara, per eżempju, l-artt. 355X, 355Ż, 355AJ(1), 355AL, 355AS u 355AT tal-Kap 9 li għadhom m'humiex fis-seħħ

għajnejh li kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jagħmlu distinzjoni netta bejn l-oriġni tad-detenzjoni ta' persuna. Huwa minħabba f'hekk li jrid jingħad li s-setgħa ta' din il-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi tal-għoti, ċ-ċaħda jew ir-revoka tal-liberta' proviżorja hija waħda limitata fis-sens li m'għandhiex tindaħal f'dawk l-aspetti li jaqgħu fis-setgħa mħollija f'idejn qrati oħrajn bir-rieda tal-liġi. B'hekk jiġi li l-kompetenza ta' Qorti Ċivili fil-vesti kostituzzjonali tagħha hija limitata li tiżgura li d-dritt fondamentali tal-akkużat għall-ħelsien mill-arrest preventiv (sakemm għadhom għaddejjin proċeduri kriminali kontrih) ikun imħares u miżmum fil-limiti stabiliti mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. Dan isir billi jiġi assikurat li Qorti kompetenti li tqis talba għall-ħelsien mill-arrest preventiv (kemm jekk tilqa' tali talba, kemm jekk tiċħadha u kif ukoll jekk tara li kien hemm raġunijiet siewja biex tirrevoka ordni preċedenti) tkun għamlet dan b'applikazzjoni u rispett sħiħ tal-garanziji kostituzzjonali jew konvenzjonali. U din il-Qorti m'għandhiex tindaħal aktar fl-operat ta' Qorti bħal dik sakemm ma jkunx jidher "eċċess manifest fl-applikazzjoni" tagħha ta' dawk il-prinċipji jew kriterji kostituzzjonali jew konvenzjonali[44];

Illi, fid-dawl ta' din l-osservazzjoni jrid jingħad li r-rikorrent ma ressaq l-ebda lment dwar l-aġir tal-Onorabbli Qorti Kriminali fil-proċediment li wassal għat-tħassir tal-ordni tal-liberta' proviżorja u għar-ri-arrest tiegħu. Lanqas ma ressaq xi lment dwar jekk ir-raġuni li dwarha l-ħelsien tiegħu ġie revokat kinitx tassew waħda "ta' konsegwenza serja". Dan ifisser, allura, li lil din il-Qorti ma ngħatalha l-ebda mandat li tistħarreġ dak l-operat ġudizzjarju li, għalhekk, għandu jitqies siewi u li jorbot;

Illi minn eżami bir-reqqa tal-atti ta' dawk il-proċedimenti[45] u kif ukoll tad-Degriet kamerali mogħti mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Novembru, 2002, dwar ir-revoka tal-liberta' proviżorja tar-rikorrent[46], ma jirriżulta l-ebda ksur ta' xi jedd tar-rikorrent imħares mill-Kostituzzjoni jew mill-

[44] App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.140**)
[45] Dokt "A", f'paġġ. 115-6; Dok "B", f'paġġ. 126-140 ; Dok "D", f'paġġ. 143-4; Dok "E", f'paġġ. 145-157; u Dok "F", f'paġġ. 158-172
[46] Dok "A", f'paġġ 122-4 tal-proċess

Konvenzjoni u li b'xi mod jista' jwassal lil din il-Qorti biex tistħarreġ hi dawk il-proċedimenti;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis x'inhi l-qagħda tal-artikolu 581 tal-Kapitolu 9 fid-dawl tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, li r-rikorrent jallega l-ksur tat-tnejn li huma b'dak l-artikolu fil-Kodiċi Kriminali. Kif ingħad, l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni jimponu kundizzjonijiet ristretti, għalkemm rilevanti, li jillimitaw it-tgawdija tal-jedd għall-ħarsien minn arrest jew detenzjoni arbitrarja. L-arrest minħabba nuqqas ta' tħaris ta' ordni skond il-liġi ta' xi Qorti hija waħda minnhom. Għalkemm l-artikolu 34(1)(ċ) tal-Kostituzzjoni jidher li huwa anqas wiesa' minn dak li jingħad fl-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni, m'għandux għaliex jiġi dubitat li ċ-ċirkostanza maħsuba fil-Kostituzzjoni tinkwadra ruħha fiċ-ċirkostanza maħsuba mill-artikolu korrispondenti tal-Konvenzjoni li, wara kollox, jagħmel parti mill-ordinament ġuridiku Malti wkoll;

Illi ta' min jgħid iżda li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jistgħu jitqanqlu biss fil-qafas ta' arrest li għalihom japplika l-artikolu 5(1)(ċ) u mhux wieħed li għalih japplika l-artikolu 5(1)(b)[47], u dan billi wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn arrest preventiv u "privazzjoni tal-liberta' personali in segwitu għal kundanna minn Qorti"[48];

Illi l-Qorti hija tal-fehma meqjusa li deċiżjoni li biha Qorti Maltija kompetenti tiċħad talba għall-ħelsien proviżorju ta' persuna akkużata jew tordna l-arrest mill-ġdid ta' persuna li kisret xi kundizzjoni tal-liberta' proviżorja li kienet ingħatat, jaqgħu sewwasew taħt it-tifsira ta' ordni magħmul u eżentat mill-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 34(1)(ċ) tal-Kostituzzjoni. Kemm hu hekk, inkiteb illi "an obligation imposed in connection with the enforcement of the criminal law may come within article 5(1)(b) if it is specific and concrete"[49];

---

[47] Ara App. Kost. **26.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs L-Onor.Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.95**)

[48] Ara App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Direttur tal-Ħabs et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.119**)

[49] Harris, O'Boyle, Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 113

Illi l-pożizzjoni tal-liġi penali Maltija fis-seħħ sallum ġiet taħt l-għarbiel tal-Qorti Ewropeja, u partikolarment dwar l-applikazzjoni tal-arrest illegali fid-dawl tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, marbut mal-eżiġenzi tal-artiklolu 5(1)(ċ). Billi dawn is-sentenzi ngħataw wara s-sentenza Kostituzzjonali ta' ***Żahra*** dwar l-artikolu 581 fuq imsemmi, wieħed irid jara jekk l-effett tagħhom jagħtix lok għall-bidla fil-ħsieb jew fit-tifsira li trid tingħata llum lil dawn id-dispożizzjonijet.

Illi dawn id-deċiżjonijiet (re ***Aquilina vs Malta***[50], ***T.W. vs Malta***[51] u ***Sabeur Ben Ali vs Malta***[52]) kollha messew il-kwestjoni tal-liberta' proviżorja, imma l-ebda waħda minnhom ma daħlet speċifikatament fil-kwestjoni tal-effetti tal-artikolu 581. Ilkoll sabu li kien hemm ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Imma dawn is-sentenzi ħassbu ħafna lil din il-Qorti fid-dawl tad-deċiżjonijiet mogħtijin mill-ogħla qrati tagħna dwar it-tifsira li għandha tingħata lill-artikoli 5(3) u 5(4) tal-Konvenzjoni. Dak li l-aktar ħasseb lil din il-Qorti hu l-fatt li, fi ħdan il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet innifsu, jeżistu għadd ta' dispożizzjonijiet[53] li jisħqu fuq il-kawteli u ċirkostanzi fejn bniedem jista' jitlob u jista' jingħata l-liberta' proviżorja u dan f'kull waqt tal-proċediment kriminali. Imma mbagħad, dawn id-dispożizzjonijiet huma, apparentement, miġjubin fix-xejn bis-saħħa tal-irriversibilita' tan-norma miġjuba fl-artikolu 581;

Illi, din id-diffikulta' li sabet il-Qorti tista' "tinfeda" biss jekk wieħed iqis li r-revoka ta' ordni ta' ħelsien proviżorju ta' persuna akkużata (u l-konsegwenti ri-arrest ta' persuna bħal dik) ma "tissanax" arrest taħt l-artikolu 5(1)(ċ), imma arrest li jkun wieħed ġudizzjarju u mhux eżekuttiv jew amministrativ, u allura l-aċċertament tas-siwi ta' revoka bħal dik ikun jista', f'ċirkostanzi partikolari, tkun mistħarrġa ulterjorment minn organi ġudizzjarji kompetenti wkoll;

Illi, minbarra dan, fi żminijiet mill-aktar qrib, ingħatat mill-ogħla Qorti tagħna dimensjoni u tifsira aġġornata għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar il-

---

[50] ECHR **29.4.1999** (App. No. 25642/94), par. 42 sa 55
[51] ECHR **29.4.1999** (App. No. 25644/94), par. 38 sa 51
[52] ECHR **29.6.2000** (App. No. 35892/97), par. 28 sa 40
[53] Per eżempju, ara artt. 137, 401, 409A, 412B, 525(2A) u 575(2) tal-Kap 9

liberta' proviżorja. Dan fis-sens li jrid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li, f'kull waqt li persuna akkużata b'reat tinżamm arrestata, flimkien mar-raġonevolezza tas-suspett li dik il-persuna wettqet tali reat, irid jintwera wkoll li hemm raġunijiet ta' interess pubbliku rilevanti u suffiċenti biżżejjed biex jiġġustifikaw iżjed indħil fid-dritt tal-ħelsien personali ta' dik il-persuna[54];

Illi jidher li, fil-każ ta' ordnijiet bħal dan taħt eżami (jiġifieri wieħed mogħti minn Qorti li jordna l-arrest jew ir-ri-arrest) lanqas jistgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni[55] u dan għaliex il-ħtieġa tal-istħarriġ ġudizzjarju msemmija f'dak l-artikolu huwa meqjus li tkun diġa' neċessarjament saret minn dik l-istess Qorti li tkun tat dik l-ordni[56]. Ta' min jgħid li l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni ġie msejjaħ "the *habeas corpus* provision of the Convention"[57] ;

Illi r-rikorrent semma wkoll li l-artikolu 581 tal-Kap 9 jikser il-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jitkellmu dwar jedd għal smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali u pubbliku. Iż-żewġ artikoli jitkellmu, għal dak li jirrigwarda persuna akkużata bit-twettiq ta' reat kriminali, dwar li għandha titqies innoċenti sakemm ma tinstabx ħatja[58]. Hemm ukoll, fiż-żewġ artikoli, kriterji minimi li jridu jiġu mħarsin fi proċedimenti ta' natura kriminali[59]. Il-jedd għall-għoti awtomatiku tal-liberta' proviżorja, madankollu, ma jinsabx fost dawn id-drittijiet minimi. Ma saret l-ebda sottomissjoni minn jew f'isem ir-rikorrent li tfisser b'liema mod l-artikolu 581 tal-Kap 9 jikser il-jedd tiegħu taħt dawn iż-żewġ artikoli jew imqar wieħed minnhom. Minbarra dan, jidher li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq dwar l-applikabilita' tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, ma jistax jingħad li lil din il-Qorti jirriżultalha xi fattur ġdid li bih tista' tasal għall-fehma li l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali jikser

[54] Ara App. Kost. **22.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.392**)
[55] Ara ECHR **18.6.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***De Wilde, Ooms & Versyp vs Belgium*** (No 1)(App. 2832/66) par 76-78
[56] Ara P.A. (Kost.) **13.3.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXI.** )
[57] Harris, O'Boyle, Warbrick Op. Cit., paġ. 145
[58] Art. 39(5) tal-Kostituzzjoni; u art. 6(2) tal-Konvenzjoni
[59] Art. 39(6) tal-Kostituzzjoni u art 6(3) tal-Konvenzjoni

xi wieħed mill-jeddijiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti jkollha wkoll dwar dan it-tieni lment tar-rikorrenti issib li t-talba tiegħu m'hijiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrent, u tiddikjara li t-tressiq tiegħu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma kienx bi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni; u lanqas ma jirriżulta li n-nuqqas ta' determinazzjoni minn dik il-Qorti tal-ġustifikazzjoni tat-tressiq b'arrest tar-rikorrent kiser il-jedd tar-rikorrent taħt l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad** ir-raba' talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali ma jikser l-ebda waħda mill-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikoli 5(3) u 6 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad** għalhekk il-ħames talba tar-rikorrent, billi l-arrest tiegħu ma kienx abbusiv jew illegali; u

**Tikkundanna** lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

--------------------------------TMIEM--------------------------------